KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
www.iklin.lc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 67 – IL-ĦAMIS 4 TA' JANNAR 2024**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri.

| **PREŻENTI:** | Dott. Dorian Sciberras | Sindku |
|---|---|---|
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier (assenti b'apoloġija) |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

**67.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

67.1.1 Kien hemm ittra waħda ta' Kunsillier li talab biex jiġi skużat minħabba impenji ta' xogħol.

**67.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

67.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (66) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

67.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi-Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Bernice Farrugia, Emanuel Zammit, Godwin Catania

## 67.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

67.3.1 Ma kienx hemm.

## 67.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

67.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kumitat li twaqqaf fi ħdan il-Kunsill bl-ideja li jibqa jsus wara l-awtoritajiet konċernati biex jirregolaw, jilleġiżlaw biex isir l-infurzar dwar l-irwejjaħ tossiċi li qed jiġu ġġenerati mis-settur tal-industrija bbażat fl-Iklin. Fis-serje ta' laqgħat li ilhom għaddejjin minn meta twaqqaf dan il-Kumitat, riċentement il-Kumitat kellu laqgħa mal-Uffiċċju ta' Dott. Roberta Metsola nhar id-9 ta' Jannar fejn ġie spjegat is-sitwazzjoni fl-Iklin b'emfasi tkun dwar il-perikli li jeżistu għas-saħħa tal-persuna u l-inkonvenjenzi li qed jikkawżaw dawn l-emmissjonijiet.

L-iskop ta' din il-laqgħa kien proprju sabiex naraw kif l-Uffiċċju ta' Dott. Metsola jista jassisti fid-dawl ta' liġijiet eżistenti dwar *ambient air quality directives* u anke dwar il-possibiltà li jipprovdi kuntatti/networking ma' kumpanniji barranin bil-possibiltà li jsir studju xjentifiku ieħor simili għal dak li għamel il-Kunsill dwar il-kwalità tal-arja fl-Iklin bl-ideja li l-Kunsill ikollu studju ieħor f'perjodu differenti ta' żmien biex ikunu assessjati l-valuri tal-VOCs. Is-Sindku ikkonkluda li kien fl-interess tal-Kunsill li nieħdu ħsieb il-kwalità tal-ħajja tar-residenti tagħna.

Aktar żviluppi jingħataw fis-seduta li jmiss tal-Kunsill.

## 67.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

67.5.1 Ma kienx hemm.

## 67.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

67.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-30 ta' Novembru u d-29 ta' Diċembru 2023 kif jidher fid-dokument A u B.

**COMPLAINTS SHEET (30 November - 29 December 2023)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 414 | 30/11/2023 | Ilment dwar ħaxix u kinsa fi Triq Għargħur u Sqaq Giarda | pending | Campo Dei Fiori, Triq Għargħur | **Cleansing** |
| 415 | 30/11/2023 | Knis u qtugħ ta' ħaxix fi Triq P P Saydon, G E Mercer u K Aquilina | settled | various | **Council** |
| 416 | 30/11/2023 | Storbju filgħodu u wara nofs inhar 14.00, minn speakers li ġej mill-Middle School, Naxxar | pending | Triq E Naudi | **Community Police** |
| 417 | 04/12/2023 | Munzell ta' skart qed iħalluh gzuz quddiem garaxx 11 Triq Ċ Bugeja | closed | Triq Ċ Bugeja | **Waste collection** |
| 418 | 06/12/2023 | Talba biex tinkines daħla tal-garaxxijiet fi Triq Dun Karm | settled | Triq Dun Karm | **Cleansing** |
| 419 | 06/12/2023 | Qattus mejjet fi Triq ir-Razzett L-Aħmar fejn l-arblu tan-NET | phoned 1718 | Triq R L-Aħmar | **Cleansing** |
| 420 | 09/12/2023 | Tappiera maqlugħa fi Triq Ġ Abos Fejn roundabout Maypole | settled | Triq Ġ Abos | **WSC** |
| 421 | 11/12/2023 | Leakage ta' ilma quddiem 16/18 Triq G E Mercer f'nofs it-triq | settled | Triq Ġ E Mercer | **WSC** |
| 422 | 11/12/2023 | Tappiera qed tisfronda quddiem 44 Triq Ġeronimo Abos | pending | Triq G Abos | **WSC** |
| 423 | 14/12/2023 | Dan ir-resident qed jerġa jilmenta li l-organic mhux qed jinġabarlu fi Triq il-Prinjol. Din is-sitwazzjoni ma' tistax tibqa' għaddejja iktar. | settled | Triq il-Prinjol | **Waste collection** |
| 424 | 12/12/2023 | Din ir-residenta qed tilmenta li mad-dar tagħha hemm 2 poles li xi darba kien hemm l-isem tat-triq. Ma' dawn il-poles (street furniture) qed jorbtu r-roti. Biex jitneħħew il-poles għax m'hemmx użu. | pending | Triq Anton Buttigieg | **Community Police** |
| 425 | 12/12/2023 | Ilment dwar irwejjaħ tad-drenaġġ fi 28 Triq A M Galea | pending | Triq A M Galea | **Council** |
| 426 | 12/12/2023 | Tqaċċtet tabella fi Triq A M Galea u qegħdin jgħaddu wrong way talba biex titpoġġa xi tabella | settled | Triq A M Galea | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 427 | 18/12/2023 | Fi Triq AM Galea hemm road hump li tibqa sejra gol-parking bay. Il-vetturi ma' jkunux jistgħu jipparkjaw sew | pending | Triq A M Galea | **Council** |
| 428 | 18/12/2023 | Hemm tabella tar-resident's parking li mhux qegħda mwaħħla sew u hemm il-biża li taqa' minn ħin għall-ieħor | settled | Triq A M Galea | **Council** |
| 429 | 18/12/2023 | Hemm ħafna ħmieġ fi Triq Ċensu Busuttil | settled | Triq Ċ Busuttil | **Cleansing** |
| 430 | 06/12/2023 | Talba biex jitneħħa pole (arblu tad-dawl) minn quddiem car space fi Triq GE Mercer | pending | Triq Ġ E Mercer | **ENEMALTA** |
| 431 | 20/12/2023 | Hemm ħafna ilma ħiereġ fi Triq Ġużeppi Calleja u hemm xi residenzi bla ilma | settled | Triq Ġużeppi Calleja | **WSC** |
| 432 | 27/12/2023 | Ilment li hemm ħafna boroż ma nġabrux fi Triq G Locano. C Pace u E Naudi | settled | various | **Cleansing** |
| 433 | 28/12/2023 | Twaħħlet tabella tax-xoghlijiet fi Triq Stefano Erardi c/w Triq il-Mużika li qegħda perikoluża għax baxxa | pending | Triq S. Erardi | **Infrastructure Malta Agency** |

**67.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

67.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

67.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Godwin Catania.

67.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Emanuel Zammit u Godwin Catania.

Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għal servizz ta' CCTV System għall-playingfield mingħand il-fornitur Secure Tech għall-prezz ta' Eur1,721.62c VAT inkluż; *nem con*

## 67.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

67.8.1 Applikazzjoni PA 07558/23 – Baker Street and The Picture House, no. 33 and no. 6 Triq Dun Karm and Triq Ġeronimo Abos, Iklin. – 'Proposed change of use for part of the existing approved Class 4B shop to Class 4D food and drink establishment, serving as an extension to existing contiguous Class 4D food and drink outlet (approved in PA 10128/18), including minor alterations to both premises.

67.8.2 Applikazzjoni PA 08455/21 – Triq Mons. Pietru Pawl Saydon across with Wesgħa Louis J.B. Scicluna, Iklin – 'To propose demolition of existing structure and construction of basement for three car garages and overlying apartments which add up to six units.

67.8.3 Applikazzjoni PA 07295/23 – no. 36 Triq Richard Taylor 'Proposed demolition of an existing terraced house and proposed construction of 5 residential units over private garage.

67.8.4 Applikazzjoni PA 07249/23 – Avantgarde Triq Dun Karm Iklin 'Proposed re-activation of showroom/Office block permit covered by PA 4277/03 and proposed sanctioning of discrepancies from approved drawings including extension to basement and proposed minor changes to existing layouts including construction of lift and stairwell.

## 67.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

67.9.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippreżenta l-minuti tal-laqgħa tal-lokalità li nżammet f'Diċembru u ttieħdu bħala moqrija.

67.9.2 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

67.9.3 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 67.10 POST MORTEM TAL-PROGRAMM TAL-FESTI NATALIZJI

67.10.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien sodisfatt bil-programm li ġejja l-Kunsill għal din is-sena però jibqa l-fatt li minkejja li l-Kunsill qed jagħmel kull sforz biex joħloq community engagement b'diversi inizzjattivi, xorta jinħass in-nuqqas ta' appartenenza lejn il-lokalità. Jifhem ir-realtà tal-ħajja li llum kulħadd impenjat u m'hemmx ħin għal dawn l-attivitajiet soċjali li huma mezz biex jgħaqqdu l-komunità flimkien.

67.10.2 Il-Kunsillier Emanuel Zammit ikkummenta dwar il-ħtieġa li l-Kunsill jinvesti aktar fil-marketing u l-mezzi soċjali biex naċċertaw li l-komunità tkun ben infurmata u bl-iskop aħħari li r-residenti jikkonkorru għal dawn l-attivitajiet.

67.10.2 Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li jkun tajjeb li l-Kunsill jagħmel dan l-eżerċizzju biex nassiguraw li l-flus li qed jiġu investiti f'dawn l-attivitajiet ikunu *value for money*. Dan kien l-aħħar Milied għal din il-leġiżlatura u meta jħares lura jinnota b'sodisfazzjon li l-Kunsill żied l-attivitajiet u anke fejn jidħol tiżjin fit-toroq. Dan kien imfaħħar minn diversi residenti li kkummentaw fil-pożittiv. Sintendi kollox jiddependi mid-disponibbiltà tal-fondi anke fejn jidħol tiżjin.

67.10.3 Fl-aħħarnett, is-Sindku Dott. Sciberras irringrazzja lill-Viċi Sindku u lill-Kunsillieri tal-appoġġ sħiħ tagħhom matul dawn l-attivitajiet.

## 67.11 ESTIMI FINANZJARJI GĦAS-SENA 2024

67.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien irċieva l-allokazzjoni finanzjarja li ser tkun tammonta għal Eur346,933 żieda ta' Eur29,246. Din iż-żieda hija dovuta għall-ispejjeż tal-waste tipping fees fejn matul is-sena 2023, il-vot għal waste tipping fees kien ilaħħaq l-ammont ta' Eur19,397 u l-vot għal din is-sena huwa ta' Eur34,526. Kien ukoll żieda fil-vot tal-ispejjeż amministrattivi fejn matul is-sena 2023, il-vot kien jammonta għal Eur123,215 filwaqt li din is-sena, il-vot għall-ispejjeż ta' amministrazzjoni ilaħħaq għal Eur140,808, żieda ta' Eur17,593.

67.11.2 Imbagħad is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-allokazzjoni finanzjarja skont l-Artiklu 55 tal-Att

1. Tisbiħ u manutenzjoni tal-Parki u Ġonna – Eur3,891
2. Manutenzjoni tat-Toroq – Eur54,331
3. Sinjali u marki tat-traffiku fiż-żoni urbani u mhux urbani – Eur13,010
4. Knis ta' Toroq Urbani – Eur36,750
5. Tindif ta' toroq mhux urbani – Eur5,782
6. Immaniġġjar tal-iskart – Eur57,835
7. Waste Tipping fees – Eur34,526
8. Spejjeż amministrattivi – Eur140,808

Is-Segretarju Eżekuttiv innota li m'hemmx fondi disponibbli taħt il-Fond ta' Aġġustament fejn is-sena li għaddiet, il-Kunsill kien ibbenifika minn Eur3,476.

67.11.3 Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li l-Kunsill irid jaħdem bl-allokazzjoni li jgħaddilu l-Gvern Ċentrali u bħal ma ġie ppreżentat illejla, il-figuri huma *ring-fenced* jiġifieri l-fondi huma ddedikati għal skop speċifiku u għalhekk il-Kunsill huwa obbligat li jonora l-funzjonijiet obbligatorji skont l-Att. Biex twettaq proġett, trid tapplika għal fondi li joħorġu minn skemi mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy minn żmien għal żmien u naturalment minn programmi Ewropej.

**67.12 PERFORMANCE BONUS APPRAISAL TAL-IMPJEGATI 2023**

67.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ittra ta' rakkomandazzjoni flimkien mal-*Appraisal Report* tal-impjegati għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

67.12.2 Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprova l-*Appraisal Report* tal-Assistent Uffiċċjal Prinċipal u tal-Uffiċċjal Eżekuttiv u cioè l-massimu ta' 6%.

67.12.3 Il-Kunsill approva *nem con*.

**(Ara dok. Ġ)**

**67.13 APPRAISAL REPORT U L-PERFORMANCE BONUS TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV GĦAS-SENA 2023**

67.13.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq l-Appraisal Report tas-Segretarju Eżekuttiv għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

67.13.2 Is-Sindku Dott. Sciberras faħħar ix-xogħol li wettaq is-Segretarju Eżekuttiv matul is-sena 2023 u ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jikkunsidra u japprova l-*performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv.

67.13.3 Il-Kunsill approva unanimament il-massimu u cioè10%. Il-performance assessment form ser tkun qed timtela mis-Sindku Dott. Sciberras biex tiġi sottomessa lid-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali biex jitkompla l-proċess.

67.13.4 Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsillieri tal-fiduċja sħiħa tagħhom.

**67.14 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

67.14.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 6 ta' Frar 2024 fil-5.30 p.m.

67.14.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Frar 2024 fil-5.30 p.m.

67.14.3 Is-seduta ġiet fi tmiem tagħha fis-6.35 p.m.

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv